MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Rikors Numru. 53/2003/1

**Emanuel Delicata**

**Vs**

**Eugenio Micallef**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta’ Emanuel Delicata fejn jesponi bir-rispett:-

Illi r-rikorrenti jikri lill-intimat il-fond Logga 13, Flat 6, Sqaq Sampusa, B’Kara versu l-kera ta’ tletin Lira Maltin (Lm30) fis-sena li tithallas fis-sitta (6) t’Ottubru ta’ kull sena bil-quddiem, l-ewwel skadenza dovuta fis-sitta (6) t’Ottubru 2003.

Illi l-intimat ilu snin twal ma jhallas il-kera u dan minkejja d-diversi interpellazzjonijiet.

Illi fil-fatt l-intimat baqa` inadempjenti fil-hlas ghall-aktar minn zewg skadenzi kif jirrizulta mill-annessi ittri ufficjali mmarkati Dok. 'ED1', Dok. 'ED2', u Dok. 'ED3' debitament notifikati lill-intimat.

Illi a tenur ta' l-Artikolu 9 (a) tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti ghandu d-dritt jirriprendu l-pussess tal-fond in kwistjoni.

Ghaldaqstant, l-esponenti, umilment jitlob lil dan il-Bord jawtorizzah jirriprendi l-pussess tal-fond fit-tmiem tal-kiri u kwindi jordna l-izgumbrament ta' l-intimat mill-fond de quo fi zmien qasir u perentorju li joghgbu jiffissa dan il-Bord.
Bl-ispejjez

Ra li fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2003 deher ghall-intimat Dottor Chris Cardona li intrabat li fi zmien hmistax-il jum jipprezenta risposta.

Ra li r-risposta ma gietx prezentata.

Ra n-nota tal-fuq imsemmi avukat tat-28 ta' Jannar 2004 li biha irrinunzja ghall-patrocinju ta' l-intimat.

Ra li l-intimat qatt ma deher.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidra:

1. Mix-xhieda ta' Anton Delicata jirrizulta li l-intimat ilu snin ma jhallas il-kera, saritlu kawza ghal hlas, intbaghtulu diversi ittri u sallum ghadu inadempjenti.

2. Mid-dokumenti esibiti jirrizulta li l-intimat gie interpellat u notifikat b'ittri ufficjali tat-2 ta' Mejju 2002 u tad-29 ta' Ottubru 2002 ghal hames snin kera li jithallsu kull 6 ta' Ottubru bil-quddiem (1997, 1998, 1999, 2000, 2001). Billi l-ittri ufficjali jirreferu ghall-istess skadenza

ghadhom jinghaddu bhala interpellanza wahda ghall-ghan tal-ligi specjali.

3. Saret ittra ufficjali fid-29 ta’ Ottubru 2002 ghall-iskadenza tas-6 ta’ Ottubru 2002 li giet ukoll notifikata lill-intimat.

4. Jirrizulta li saru diversi interpellanzi u l-intimat qatt ma hallas.

Billi l-intimat ma kienx puntwali fil-hlas tal-kera il-Bord jilqa` t-talba tar-rikorrent u jawtorizzah jerga jiehu f’idejh il-fond Logga 13, Flat 6, Sqaq Sampusa, B’Kara. Ghall-ghan ta’ tkeccija jaghti xahar (1) zmien m’illum, l-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------